**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 47/2004/2**

**Emmanuel Said Ltd**

**vs**

**Carmel Zammit u Doris Attard Cassar**

**Illum, 27 ta' Frar 2018**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur tas-socjetà rikorrenti li jghid hekk:

> Illi s-socjetà rikorrenta tivvanta titolu ta' kera fuq il-fond maghrufa bhala 'Cressi Sub-Store' fi Triq Salvu Pulis, Haz-Zabbar fl-ammont ta' tlett mija u sebghin lira Maltin (Lm370) pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem.
>
> Illi s-socjetà rceviet ittra ufficjali datata 22 ta' April 2002 mill-intimati 'Dok A', liema pretenzjonijiet ghandhom jigu michudin

stante li t-talbiet mhumiex gustifikati. Illi anke intbaghtet ittra fit-22 ta’ Mejju 2002 fejn il-pretenzjonijiet tal-intimati ma gewx milqugha ‘Dok B’ stante li l-kundizzjonijiet huma ggustifikati w rejali ghall-ahhar.

Ghaldaqstant it-talba tal-intimati ghandha tigi michud fis-shih u l-Bord qed jigi mitlub jikkonferma l-kundizzjonijiet attwali.

Ra r-risposta tal-intimati fejn qed jiddikjaraw:

“Illi l-awment mitlub mill-esponenti biex il-kera titla’ ghal tlett elef lira Maltin (Lm3000) fis-sena huwa rifless mis-suq u gustfikat skond il-ligi u dan billi, wara tletin sena tal-kirja, l-fond in kwistjoni jimmerita tali zieda kif anke gie stabillit mill-Arkitett Jean Pierre Attard.”

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti tas-06 ta’ Lulju 2017.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimati tal-20 ta’ Jannar 2017.

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta’ Mejju 2016.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kawza odjerna s-socjetà rikorrenti qeghda tikkontesta l-awment tal-kera mitlub mill-intimati. Illi l-intimati jeccepixxu li t-talba taghhom hija gustifikata.

Illi r-rapport tal-Periti Membri tal-Bord stabilixxa l-kera dovuta ghall-fond mertu tal-kawza fis-sena 2002 fl-ammont ta’ hamest elef u sitt mitt Ewro (€5,600).

Illi l-prospett imressaq mill-intimati fin-nota ta’ sottomissjonijiet huwa korrett u skont iz-zidiet stabbiliti fil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jichad it-talba tas-socjetà rikorrenti u jiddikjara illi ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell il-kera dovuta mis-socjetà rikorrenti lill-intimati ghas-snin 2015 hija ta’ €10,798.36, ghas-sena 2016 hija fl-ammont ta’ €11,228.95 u ghas-sena 2017 hija fl-ammont ta’ €11,909.95 u dik ghall-2018 tizdied ukoll bil-5% ghal €12,505.48.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur